KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 373

It-Tlieta 2 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Julian Borg
Kurstein Nicholas Sant
Rodianne Haber
Adrian Farrugia
Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Alessia Psaila Zammit
Dominic Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-Kunsillier anzjan preżenti Julian Borg preseda l-laqgħa.

373.1 **Introduzzjoni mill-Kunsillier l-aktar anzjan**

Il-Kunsillier Julian Borg, bħala l-Kunsillier l-iktar anzjan preżenti, għamel diskors ta' introduzzjoni għal bidu tat-tmien leġislatura. Huwa rringrazzja lil kull Kunsillier li kien parti mill-Kunsill, lil min ma reġax ikkontesta, u lil min ikkontesta u ma ġiex elett. Il-Kunsillier Borg awgura wkoll lill-membri eletti biex flimkien jaħdmu għal ġid tal-lokal u r-residenti, kif inhu xieraq.

373.2 **Ħatra tas-Sindku**

Il-Kunsillier Julian Borg stieden lill-Kunsillier Kurstein N.Sant jikkonferma l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

373.3 Il-Kunsillier Kurstein N. Sant, iffirma l-aċċettazzjoni tal-Kariga u preżentaha lis-Segretarju Eżekuttiv.

373.4 Fil-preżenza tal-Kummissarju għall-Ġustizzja, Dr. Geoffrey Vella, il-Kunsillier Kurstein N. Sant ħa l-ġurament tal-kariga ta' Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv b'mod simboliku għaddiet l-Insinja lis-Sindku.

Is-Sindku għamel diskors tal-okkazjoni u kompla jippresedi l-laqgħa.

373.5 **Aċċettazzjoni tal-kariga tal-Viċi Sindku**

Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Rodianne Haber tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi-Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

373.6 Il-Kunsillier Rodianne Haber iffirmat l-aċċettazzjoni tal-kariga u preżentatha lis-Segretarju Eżekuttiv.

373.7 Fil-preżenza tal-Kummissarju għall-Ġustizzja, Dr. Geoffrey Vella, il-Kunsillier Rodianne Haber ħadet l-ġurament tal-kariga ta' Viċi-Sindku.

373.8 **Preżentazzjoni mis-Sindku tar-responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsilliera (skond l-Erbatax-il Skeda)**

Is-Sindku preżenta r-responsabbiltajiet assenjati lil kull Kunsillier skond l-erbatax il-Skeda.

Kurstein Sant

Infrastruttura (Toroq Urbani u Rurali u Immaniġjar tat-traffiku) –
flimkien ma' Julian Borg
Proġetti Infrastrutturali
Sport u Attivita Fiżika
Saħħa fil-Komunita'

Rodianne Haber
- Tfal u żagħżagħ
- Edukazzjoni
- Anzjani u Persuni b’Diżabilta’

Alessia Psaila Zammit
- Ħarsien tal-Ambjent Urban
- Upkeep ta’ zoni miftuħa u spazji rikrejattivi
- Inizjattivi Ambjentali

Julian Borg
- Infrastruttura (Toroq Urbani u Rurali u Immaniġjar tat-traffiku) – flimkien ma’ Kurstein Sant
- Innovazzjoni
- Biedja u Ħarsien tal-ambjent taż-żona rurali

Dominic Grech
- Ħarsien tal-Wirt Storiku u Kulturali
- Inizzjattivi Kulturali fis-Siġġiewi
- Fondi minn skemi lokali u tal-Unjoni Ewropeja

Adrian Farrugia
- Indafa (żona urbana u rurali, lattrini pubbliċi u ġbir ta’ skart)
- Koordinazzjoni tal-Attivitijiet
- Koordinament tal-Għaqdiet

Francine Farrugia
- Ħarsien tad-drittijiet tal-Annimali
- Proġetti fil-Komunitajiet
- Inizjattivi soċjali u integrazzjoni soċjali

Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw ir-responsabiltajiet kif preżentati lilhom mis-Sindku.

**373.9 Ġranet u ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill**

Il-Kunsill unanimament qabel li s-Seduti jibqgħu jinżammu nhar ta’ Tnejn fis-6.30pm.

**373.10 Aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm. Is-Sindku propona li minħabba xogħlijiet urġenti, l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 4 ta’ Lulju 2019 fis-6.30p.m. Il-Kunsill qabel b’mod unanimu.

Konfermati, illum 4 ta’ Lulju 2019

| | |
|---|---|
| Dr Kurstein N. Sant | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |